**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Jannar 2022**

Rikors Numru: 454/21 AL

A B

u

C D

(MR Nurmu 2097/1991)

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-esponenti zzewweg fis-26 t' Ottubru tas-sena 1991 (DOK A), u minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt in atti Dr. Antoine Agius tat-30 ta' Marzu 1995 (DOK B);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minhabba illi ilhom separati minn xulxin ghal

aktar minn hamsa u ghoxrin (25) sena, llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet;

5. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar is-26 t' Ottubru tas-sena 1991 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;

2. Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u

3. Taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol. 11 tal-process li permezz taghha esponiet:

1. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* iktar minn 4 snin;
2. Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet;
3. Illi m'hemm ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ghalhekk l-esponenti ma ssib ebda oggezzjoni illi jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.

Salv kull provvediment illi dina l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Ottubru 2021;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Marzu 1995;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.